**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE LL.D.**

**Illum il-Gimgha, 3 ta' Mejju 2002**

**Numru** **15**
**Citaz. Nru.** **574/95 FDP**

**Frank Sciberras**

**Vs**

**Paul Aquilina**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi fl-14 ta' Ottubru 1993 waqt li l-istanti kien ghaddej go Santa Tereza Street, Cospicua riekeb il-mutur P-6504 dan kien involut

f'habta mal-vettura H-9521 misjuqa mill-konvenut u l-istanti sofra diversi danni;

Premess illi ghal dana l-incident kien jahti l-konvenut minhabba imperizja, negligenza u nuqqas ta' harsien tar-regolamenti billi hareg minn triq laterali, ukoll kontra sinjali fit-triq;

Premess illi l-konvenut m'ghamilx tajjeb ghad-danni;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident u ghall-konsegwenzjali danni;

2. Tillikwida d-danni okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-ammont dikjarat bhala dovut in linea ta' danni;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ghan-notifika ta' l-assiguraturi tal-konvenut bl-odjerni proceduri, bl-imghax skond il-ligi kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur u l-lista tax-xhieda minnu indikati, kif ukoll l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li fiha huwa eccepixxa:-

1. Illi l-incident tat-traffiku mertu ta' din il-kawza ma garax tort tieghu izda gara unikament tort u htija ta' l-attur, u dan kif kellu jigi ppruvat waqt it-trattazjoni tal-kawza;

2. Illi stante li dan l-incident ma garax tort u htija tal-konvenut, l-ebda danni ma ghandhom jigu mhallsa lill-attur mill-eccipjenti;

Ghamel ukoll riserva ghal eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut, u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet taghha tal-5 ta' Gunju 1996 li permezz tieghu gie nominat l-avukat Dr. Marco Grixti bhala espert legali biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet sollevati, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Kif ukoll dak tad-19 ta' Frar tas-sena 2000 li permezz tieghu Dr. Marco Grixti gie sostitwit bl-istess inkarigu u fakoltajiet bl-avukat Dr. Mark Chetcuti;

Rat id-digriet taghha tas-7 ta' Novembru 1997 li permezz tieghu gie nominat bhala espert mediku Dr. Charles Grixti biex jirrelata dwar il-kaz;

Rat ir-relazzjonijiet ta' l-imsemmija esperti gudizzjarji li jinsabu a fol 87 *et sequitur* tal-process u li gew minnhom debitament konfermati fl-Udjenza tat-8 ta' Novembru tas-sena 2000;

Rat in-noti pprezentati mill-abbli difensuri;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Illi l-attur ipprezenta din il-kawza wara incident li gara fl-14 ta' Ottubru 1993 gewwa Bormla, meta huwa sofra danni kemm fil-mutur li kien qieghed isuq kif ukoll fil-persuna tieghu;

Illi minn naha tieghu il-konvenut eccepixxa li l-incident in kwistjoni gara unikament tort ta' l-istess attur u ghalhekk ma kellux jigi kkundannat ihallas ebda danni;

Illi l-incident gara fl-14 ta' Ottubru 1993 ghal habta ta' l-ghaxra u kwart ta' filghaxija bejn l-imsemmi attur li kien qed isuq mutur bin-numru P-6504 u l-konvenut li kien qed isuq vettura bin-numru H-9521; l-incident gara proprju f'dik il-parti il-wiesgha tat-triq li tghaddi minn mat-Tarzna u tibqa' sejra ghat-telgha lejn il-Birgu u l-Kalkara;

Illi skond il-verzjoni attrici waqt illi huwa kien niezel minn naha tal-Birgu u wasal hdejn il-kantuniera fejn hemm il-Knisja ta' Santa Tereza huwa habat mal-karozza tal-konvenut illi kien hiereg minn triq laterali;

Illi minn naha tieghu l-konvenut jikkontendi illi huwa kien wieqaf mal-gemb u bil-*hazard lights* jixghelu; huwa ma jaqbilx mad-dettalji indikati fl-i*sketch* esebit mir-rapprezentant tal-pulizija peress illi jghid li kien waqaf mal-gemb tal-bankina u mhux b'certu distanza kif jidher fl-i*sketch*;

Illi in sostenn tat-tezi tieghu l-konvenut ressaq lil Cricchiola li kienet passiggiera mieghu u dina kkonfermat precizament dak li kien qal hu;

Illi skond ir-rapprezentant tal-pulizija fix-xhieda tieghu, "*Aquilina seta' johrog minn Santa Tereza Street - hu hekk qalli. Minn Santa Tereza Street, cioe` minn fejn hemm il-bollards, la tidhol u lanqas tohrog.*" Mix-xhieda ta' l-istess Surgent irrizulta li huwa kien hareg tahrika kontra l-konvenut talli dan kien hiereg hazin ghal go triq principali u dan ghalkemm kien hemm sinjali cari biex ma jibqax ghaddej;

Illi l-konvenut ipprova jinsisti illi l-incident gara fejn in-nicca u mhux fejn indika s-Surgent pero` dana fix-xhieda tieghu kien car u spjega wkoll minn fejn kien ha l-mizurezzjonijiet tieghu; dan iffisser illi, skond l-i*sketch* konfermat mill-istess Surgent, il-konvenut kien wasal proprju fil-kantuniera illi minnha tibda tidher it-triq quddiemu;

Illi l-Qorti taqbel mal-konsiderazzjonijiet ta' l-abbli relatur li "*ma hemmx dubju li mix-xhieda tal-konvenut u tal-pulizija li nvestiga l-kaz illi l-konvenut kien hareg mill-fetha li hemm in-naha ta' fuq ta' Santa Tereza Street*"; harsa lejn il-lokalita` malajr turi li min johrog minn dik it-triq ikun qed jaghmel manuvra tessew perikoluza u bil-hrug tieghu jikkrea ostakolu ikrah ghal min ikun gej minn naha ta' fuq; jidher ukoll assodat illi, kontra dak li qed jipprova jghid il-konvenut, il-karozza tieghu kienet tinsab proprju fil-kantuniera tal-Knisja u mhux hdejn in-nicca;

Illi l-Qorti anqas tara wisq kredibbli l-verzjoni tal-konvenut u ta' Cricchiola li kien wieqaf proprju f'dak il-post ghaliex gratlu l-hsara; jigi rilevat li ma ngiebet ebda prova dwar din il-hsara mekkanika li kellha l-karozza qabel l-incident u meta wasal il-pulizija ma ra l-ebda *hazard lights* jixghelu;

Illi ghalhekk il-Qorti, wara li ezaminat il-provi kollha li tressqu u kkonsidrat ic-cirkostanzi kollha tal-kaz senjatament il-lokalita` fejn gara l-incident taqbel li l-verzjoni attrici hija ferm aktar attendibbli minn dik moghtija mill-konvenut; dan ifisser li bil-manuvra tieghu il-konvenut ikkrea ostakolu gravi f'post tassew perikoluz waqt li ma jidher li gie kommess ebda nuqqas da parti ta' l-attur li skond l-i*sketch* spicca vicin tal-post tal-habta u dan ukoll jaghti dawl dwar il-mod kif kien qieghed isuq u l-velocita` tieghu;

Illi fit-talba attrici dwar id-danni hemm dik il-parti ghad-*damnum emergens* u dwar din ma jidhirx li hemm kontestazzjoni; waqt li saru sottomissjonijiet estensivi dwar il-*lucrum cessans;*

Illi l-espert legali hadem il-formola normali ghal kazi simili u bbaza l-konkluzjonijiet tieghu fuq l-ammont tal-paga li huwa Lm30 aktar minn dak li kien jirrizulta li l-attur kien jippercepixxi fl-1993, pero` ma jistax ma jigix ukoll rilevat illi skond dokument esebit fil-parti finali ta' dawna il-proceduri, jirrizulta li l-attur illum qed jippercepixxi s-somma ta' Lm443 gross kull xahar u jhallulu l-ammont nett ta' Lm351. Il-Qorti ghalkemm ser tikkonsidra b'mod pozittiv is-sottomissjonijiet tal-konvenut dwar il-multiplier addottat u dwar il-fatt illi l-attur ma sofra ebda danni fl-impjieg tieghu, ma tistax ma tosservax illi l-Qrati taghna dejjem zammew quddiemhom il-fatt illi skond il-ligi taghna ma hemmx kumpens ghal danni morali, u fl-isfond ta’ dan kollu tikkonsidra s-somma likwidata mill-espert legali bhala gusta anki fid-dawl taz-zieda sostanzjali li l-attur kellu fis-salarju tieghu meta ghaddew biss 6 jew 7 snin mill-incident.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Tilqa' l-Ewwel u t-Tieni Domandi kif dedotti fic-citazzjoni;

Konsegwentement tilqa' wkoll it-Tielet Domanda u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' tlett elef, mija u disgha u disghin liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm3199.75) bl-imghax mid-data tan-notifika tac-citazzjoni.

L-ispejjez jithallsu mill-istess konvenut.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur